# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 1874/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Vincent Frendo**

Illum 24 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Vincent Frendo**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 693360(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

1. F'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fil-15 ta' Mejju 2003 u/jew f'xi data qabel instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tiegħu kwantita' ta' sigaretti u xorb alkoħoliku ta' diversi marki.

L-importazzjoni ta' l-oġġetti hawn fuq imsemmija hija projbita u/jew ristretta. Dawn għandhom valur totali ta' €6865.00 (Lm2952.00,0) u Dazju tas-Sisa €4197.88 (Lm1805.09,0), Taxxa Imposta (Levy) €117.04) (Lm50.33,0) u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) €7443.51 (Lm3200.71,0); liema Dazju tas-Sisa, VAT u Imposta ma ġewx imħallsa u/jew kawtelata

dan bi ksur ta' Artikoli 60 (a) (b) (c) (k), 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k) u l-paragrafu (a) tal-*proviso* ta' Artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta) u Artikoli 16 1 (j) u 17 (a) ta' l-Att XVI ta' 1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Liġijiet ta' Malta.

2. F'isem il-Kummissarju tal-VAT, talli fil-15 ta' Mejju 2003 u/jew f'xi data qabel instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tiegħu kwantita' ta' sigaretti u xorb alkoħoliku ta' diversi marki.

   L-importazzjoni ta' l-oġġetti hawn fuq imsemmija hija projbita u/jew ristretta. Dawn għandhom valur totali ta' €6865.00 (Lm2952.00,0) u Dazju tas-Sisa €4197.88 (Lm1805.09,0), Taxxa imposta (Levy ) €117.04 (Lm50.33,0) u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) €7443.51 (Lm3200.71,0); liema taxxa ma ġietx imħallsa u/jew kawtelata

   dan bi ksur ta' Artikolu 62 (Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta ħtija, terz tal-piena ta' flus, jitqies bħala dejn ċivili u talbet li jiġi dikjarat fl-għoti tas-sentenza li hu dovut u li għandu jithallas lill-Gvern u għandu jiġi esegwit fl-istess Qorti li tagħti s-sentenza bl-istess mod bħallikieku ingħatat f'azzjoni ċivili magħmula bejn il-Gvern u l-ħati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-1 ta' Lulju 2024 fejn il-Qorti lliberat lill-imputat minn kwalunkwe ħtija u piena.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fit-22 ta' Lulju 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"jogħġobha*

1. *Tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tgħaddi sabiex issib lil Vincent Frendo ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu skont il-liġi u tinfliġġi fuqu dik il-piena idonea skont il-liġi, inkluż il-konfiska tal-oġġetti mertu ta' dawn il-proċeduri;*

2. *Fin-nuqqas ta' sejbien ta' ħtija minn din l-Onorabbli Qorti, tgħaddi biex filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ma sabitx ħtija fl-appellat, tvarjaha fis-sens illi tordna li l-oġġetti mertu ta' dawn il-proċeduri ndikati fis-Seizure Note numru 5/2004/59 jiġu konfiskati u dan ai termini tal-Artikolu 60 tal-Ordinanza tad-Dwana."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-1 ta' Lulju 2024.

Illi f'dan il-każ l-Ewwel Qorti semgħet li hekk kif l-iSpettur Jeffrey Cilia ġie mgħarraf li l-appellat allura imputat, li kien joqgħod il-Mosta, kien fil-pussess ta' ammonti ta' xorb u sigaretti bid-dazju mhux imħallas, saret tfittxija fil-garaxx mikri lill-appellat, liema garaxx jinsab f'Birkirkara. Jingħad li hemm instabu 14 il-kaxxa Gordon's Gin tal-litru, 20 kaxxa b'sitt fliexken f'kull kaxxa Sambuca Molinari, 28 kaxxa b'6 fliexken f'kull kaxxa Averna tas-70cl, 15 il-kaxxa tas-6 fliexken Vodka tal-litru, 22 flixkun tas-70cl JB Whisky, 39 flixkun tas-75cl, 14 il-flixkun Bacardi tas-75cl, 15 il-

flixkun Johnny Walker tas-70cl, 12 il-flixkun Grappa tal-50cl u 60 kartuna Rothmans. Jirriżulta li dawn l-oġġetti ġew fotografati fuq il-post qabel ma ġew elevati u ttieħdu lid-Dwana. L-irċevuta tal-oġġetti maqbuda u li ġiet mgħoddija lid-Dwana tinsab fl-atti proċesswali (Dok. "JC 3" – *a fol.* 22).

Illi l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellat allura imputat minħabba li skont hi l-Prosekuzzjoni serrħet il-każ tagħha fuq l-ammissjoni tal-appellat fl-istqarrija, liema stqarrija ġiet skartata mill-Ewwel Qorti minħabba li l-Qorti msemmija qieset li kienet ittieħdet mingħajr ma kien ingħata d-dritt għall-assistenza legali. Fis-sentenza appellata jingħad li l-Prosekuzzjoni ma pproduċietx l-aħjar prova li torbot il-garaxx mal-appellat u dana wara li ngħad mill-Ewwel Qorti li l-Uffiċjal Prosekutur innifsu xehed li mill-investigazzjoni li saret irriżulta li l-garaxx fejn instabu l-oġġetti in kwistjoni ma kienx jappartjeni lill-appellat allura imputat iżda kien mikri lilu.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jressaq is-segwenti aggravji:

- l-ewwel aggravju huwa dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti ma ordnatx il-konfiska tal-oġġetti maqbuda;

- it-tieni aggravju jirrigwarda l-fatt li l-Ewwel Qorti skartat l-istqarrija tal-appellat allura imputat;

- it-tielet aggravju huwa dwar apprezzament żbaljat tal-provi mill-Ewwel Qorti;

- ir-raba' aggravju huwa dwar l-oneru tal-prova rigward il-ħlas tad-dazju jinkombi fuq l-appellat allura imputat.

Illi din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji msemmija hawn fuq b'dan illi hija tal-fehma li jkun opportun li l-ewwel tibda bil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tieni aggravju, imbagħad tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tielet, ir-raba' u sussegwentement dwar l-ewwel aggravju.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali jirrigwarda l-fatt li l-Ewwel Qorti skartat l-istqarrija rilaxxata mill-appellat allura imputat fil-15 ta' Mejju 2003 peress li ttieħdet mingħajr ma kien ingħata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat. L-appellant jagħmel riferenza għal numru ta' sentenzi mogħtija u jisħaq li n-nuqqas ta' assistenza legali waqt it-teħid tal-istqarrija ma jfissirx awtomatikament li l-istess stqarrija għandha tiġi skartata. Jisħaq li l-Qorti trid tevalwa t-totalita' taċ-ċirkostanzi li ttieħdet tali stqarrija u jgħid li f'dan il-każ l-appellat ma ġiex imġiegħel sabiex jagħmilha. Jingħad li l-appellat kien dejjem assistit waqt il-proċeduri quddiem il-Qorti u qatt ma kkontesta tali stqarrija. Jagħmel riferenza għal Artikolu 658 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema artikolu jirrigwarda l-konfessjoni u jisħaq li l-istqarrija ma kellhiex tiġi skartata mill-Ewwel Qorti u li kellha tiġi kkunsidrata bħala prova ammissibbli.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellat allura imputat irrilaxxa stqarrija fil-15 ta' Mejju 2003 (Dok. "JC 1" – *a fol.* 19 *et seq.*). Għandu jingħad li hu ma ngħata l-ebda assistenza legali la qabel jew waqt it-teħid ta' tali stqarrija.

Illi dwar l-istqarrija mingħajr l-assistenza tal-avukat, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2021 fl-ismijiet **Morgan Onuorah vs. L-Avukat tal-Istat** (Numru 176/2019) fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet is-segwenti:

> "26. Kif diġa' issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u aktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza

ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament.

27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura *adversarial* tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti Mehmet Zeki Celebi v. Turkey (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:

> *"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that it is only in very exceptional circumstances that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*

28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza Ibrahim and Others v. the United Kingdom tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-'*overall fairness*' tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza Beuze v. Belgium tad-9 ta' Novembru 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.

29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti

jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu. Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda taddotta din il-posizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju r-**Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana** deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u r-**Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** tat-3 ta' Diċembru 2019).

30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu dispożizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil-kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat id-dritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija."

Illi jkun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għal sentenza mogħtija aktar riċenti. In fatti fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-4 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Omar Bah**[1] (Numru 10/2008) ingħad is-segwenti:

*"The Court thus concludes that each and every case has to be examined on its own merits taking into account the particular circumstances in which the statement was released by the accused. In this case accused failed to show, at this stage of the proceedings, the manner in which his statement released during interrogation is going to seriously prejudice his right to a fair hearing. The fact that the statement was given in the absence of a lawyer does not in itself, in the light of the*

[1] Din is-sentenza għamlet riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **Emmanuele Spagnol vs. L-Avukat Ġenerali et** (Numru 16/2018/1).

*circumstances relevant to this case, render this evidence inadmissible at law."*

Illi minkejja dak li ngħad fis-sentenza appena kkwotata, fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti u li dwaru qed tingħata din is-sentenza jirriżulta li l-istqarrija ġie rilaxxata ferm qabel Frar 2010. Għandu jingħad li qabel Frar 2010 kien iż-żmien meta kien hemm projbizzjoni assoluta għal persuna suspettata li tikseb parir legali jew li tkun assistita minn avukat. Meħud in konsiderazzjoni ta' dan u ta' dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti għamlet sew li f'dan il-każ skartat l-istqarrija tal-appellat u b'hekk l-aggravju in eżami qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> l-appellant Avukat Ġenerali jsostni li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi meta fis-sentenza tagħha qalet li l-Prosekuzzjoni serrħet il-każ tagħha fuq l-ammissjoni tal-appellat fl-istqarrija tiegħu. L-appellant jagħmel riferenza għad-depożizzjoni mogħtija mill-Uffiċjal tad-Dwana Martin Debattista u kif ukoll għax-xiehda mogħtija mill-iSpettur Jeffrey Cilia.

Illi dwar l-aggravju in eżami, din il-Qorti tibda billi tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Manuel Xuereb** (Numru 10/2023) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xhieda jixhdu quddiemha – ħaġa li din il-Qorti ma

> kellhiex l-opportunita' li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.
>
> Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għal dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha."

Illi filwaqt li huwa minnu li l-atti proċesswali, apparti provi dokumentarji, jikkontjenu d-depożizzjoni mogħtija mill-iSpettur Jeffrey Cilia u Martin Debattista (li ppreżenta *Letter to Prosecute* u *Seizure Note*) (kif *del resto* jgħid l-appellant), huma jikkontjenu wkoll d-depożizzjoni mogħtija minn Mario Abela li jgħid li kien jaħdem l-uffiċju tal-*valuations* waqt liema depożizzjoni tiegħu huwa ppreżenta stima tal-oġġetti li ġew stmati.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li qalu x-xhieda msemmija fuq u meħud in konsiderazzjoni wkoll li l-istqarrija tal-appellat allura imputat ġiet skartata jsegwi li kienet korretta l-Ewwel Qorti meta qalet li l-każ tal-Prosekuzzjoni f'dan il-każ kien ibbażat fuq din l-istess stqarrija. Minn imkien mid-depożizzjonijiet mogħtija mill-persuni msemmija hawn fuq ma jirriżulta li hemm xi ness bejn l-appellat allura imputat u l-oġġetti maqbuda. Għaldaqstant anke l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-<u>raba' tiegħu</u> l-appellant Avukat Ġenerali jisħaq li l-oneru tal-prova rigward il-ħlas tad-dazju jinkombi fuq l-imputat. Huwa

jagħmel riferenza għal Artikolu 77 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta li jirrigwarda il-piż ta' prova f'każ ta' kuntrabandu u jagħmel riferenza għal sentenzi mogħtija mill-Qorti. L-appellant jinnota li quddiem l-Ewwel Qorti d-difiża ddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq u dana minkejja li l-oneru tal-prova meta l-persuna mixlija jkun xjentement fil-pussess ta' oġġetti li fuqhom ma tħallasx dazju jaqa' fuqha. Jisħaq li l-Ewwel Qorti kellha ssib lill-appellat ħati ta' dak li ġie mixli bih quddiemha.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li huwa minnu dak li jgħid l-Avukat Ġenerali fir-rigward ta' Artikolu 77 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta pero' huwa minnu wkoll li ġialadarba l-appellat allura imputat qies li ma kien hemm xejn x'jorbtu mal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu li huwa ma jressaq l-ebda prova. Għaldaqstant anke dan l-aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jisħaq li s-sentenza appellata ma ordnatx il-konfiska tal-oġġetti eżebiti irrispettivament jekk tinstabx ħtija jew le. Huwa jagħmel riferenza għal liġi u għal sentenzi mogħtija mill-Qorti u jisħaq li minkejja li l-appellat ma nstabx ħati ta' dak li ġie mixli bih quddiem l-Ewwel Qorti, il-Qorti msemmija kellha tordna li l-oġġetti in kwistjoni kellhom jiġu konfiskati.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti semgħet kif l-oġġetti in kwistjoni ma kienx tħallas id-dazju fuqhom. Tenut kont ta' dan, din il-Qorti tinnota li l-appellant Avukat Ġenerali għandu raġun fl-aggravju in eżami u dana peress li l-oġġetti in kwistjoni kellhom jiġu konfiskati mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha u dana minkejja li l-persuna mixlija quddiemha ġie liberat minnha. Għaldaqstant, l-aggravju in eżami qed ikun milqugħ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali fis-sens li tikkonferma s-sentenza appellata u magħha żżid li qed tordna li l-oġġetti mertu ta' dawn il-proċeduri ndikati fis-*Seizure Note* bin-Numru 5/2004/59 jiġu konfiskati.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**